31995R2198

IR-REGOLAMENTI TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2198/95
tat-18 ta' Settembru 1995
li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità għaċ-ċanga ta' kwalità għolja, għall-majjal, laħam tat-tjur, qamħ u meslin, u nuħħala, sharps u fdalijiet oħra

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 tad-29 ta' Marzu 1994 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità għaċ-ċanga ta' kwalità għolja, għall-majjal, laħam tat-tjur, qamħ u meslin, u nuħħala, sharps u fdalijiet oħra [1], u partikolarment l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi l-Ftehim fuq l-Agrikultura konkluż taħt l-Uruguay Round tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali u approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 [2] jaffettwa l-kwota provduta fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 774/94 u kondizzjonijiet oħra rigward il-kwoti koperti b'dk ir-Regolament; billi għandu jkun adattat kif jixraq;

Billi l-miżuri provduti f'dan r-Regolament huma skond l-opinjonijiet tal-Kumitati tal-Ġestjoni kollha konċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament (KE) Nru 774/94 huma:

"L-Artikolu 1

1. Kwota annwali tat-tariffa tal-Komunità ta' total ta' 20 000 tunnellata, imfissra fil-piż tal-prodott, hija b'dan miftuħa għal ċanga ta' kwalità għolja friska, mkessħa jew friżata koperta bil-kodiċijiet NM 0201 u 0202 u għall-prodotti koperti bil-kodiċijiet tan-NM 0206 10 95 u 0206 29 91.

2. Id-dazju tat-Tariffa Komuni Doganali applikabbli għal dik il-kwota għandha tkun ta' 20 %.

Artikolu 2

1. Kwota annwali tat-tariffa tal-Komunità ta' total ta' 7 000 tunnellata hija b'dan miftuħa għall-majjal frisk, mkessħa jew friżat kopert bil-kodiċijiet NM 0203 19 13 u 0203 29 15.

2. Id-dazju tat-Tariffa Komuni Doganali applikabbli għal dik il-kwota għandha tkun ta' 0 %.

Artikolu 3

1. Kwota annwali tat-tariffa tal-Komunità ta' total ta' 15 500 tunnellata hija b'dan miftuħa għall-laħam tat-tjur frisk kopert bil-kodiċijiet NM 0207 41 10 , 0207 41 41 u 0207 41 71.

2. Id-dazju tat-Tariffa Komuni Doganali applikabbli għal dik il-kwota għandha tkun ta' 0 %.

Artikolu 4

1. Kwota annwali tat-tariffa tal-Komunità ta' total ta' 2 500 tunnellata hija b'dan miftuħa għall-laħam tad-dundjan kopert bil-kodiċijiet NM 0207 42 10 , 0207 42 11 u 0207 42 71.

2. Id-dazju tat-Tariffa Komuni Doganali applikabbli għal dik il-kwota għandha tkun ta' 0 %.

Artikolu 5

1. Kwota annwali tat-tariffa tal-Komunità ta' total ta' 300 000 tunnellata hija b'dan miftuħa għall-qamħ ta' kwalità kopert bil-kodiċijiet NM 1001 10 00 u 1001 90 99.

2. Id-dazju tat-Tariffa Komuni Doganali applikabbli għal dik il-kwota għandha tkun ta' 0 %.

Artikolu 6

1. Kwota annwali tat-tariffa tal-Komunità ta' total ta' 475 000 tunnellata hija b'dan miftuħa għal nuħħala, sharps u fdalijiet ta' qamħ u ċereali li mhumhiex qamħirrum u ross koperti bil-kodiċijiet NM 2302 30 10, 2302 30 90, 2302 40 10 u 2302 40 90.

2. Id-dazju tat-Tariffa Komuni Doganali applikabbli għal dik il-kwota għandha tkun ECU 30,60 kull tunnellata fil-każ ta' prodotti koperti bil-kodiċijiet NM 2302 30 10 u 2302 40 10 u ECU 62,25 kull tunnellata fil-każ ta' prodotti koperti bil-kodiċijiet NM 2302 30 90 u 2302 40 90."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Lulju 1995.

[1] ĠU C 91, tal-8.4.1994, p.1.
[2] ĠU C 336, tal-23.12.1994, p.1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, it-18 September 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni